# Laqgħa Pubblika

## It-Tlieta 20 ta' Diċembru, 2011

## Fl-Uffiċċju tal-Kunsill, fis-6.00p.m.

## Minuti tal-Laqgħa

Preżenti : - Sur Andrew Vella (Sindku)
Sur Emanuel Mintoff (Viċi Sindku)
Sur Frank Formosa (Kunsillier)
Sra. Renance Vella Aquilina (Kunsilliera)
Sur Joseph Farrugia (Kunsillier)

Uffiċjali:- Sur Ruben Cassar (Segretarju Eżekuttiv)

Għal-laqgħa kienu mistednin ir-residenti kollha tar-raħal.

Intqalet it-talba tal-bidu.

Is-Sindku qara ir-rapport ta' xogħol li sar matul is-sena 2011. Huwa spjega fid-dettal ix-xogħol li qed iwettaq il-Kunsill. Rapport tad-diskors kollu tas-Sindku huwa mehmuz ma' dawn il-minuti.

Is-Sindku ta rendikont ukoll ta' kif ġew mqassma l-flus allokati mill-Gvern Ċentrali għas-sena finanzjarja 2012 kif ukoll tal-pjanijiet tal-Kunsill għat-tlett snin li ġejjien. Wara huwa stieden lir-residenti biex jagħmlu l-mistoqsijiet u jresqu s-suġġerimenti jew ilmenti tagħhom.

Dun Ġużepp Żammit, wieħed mir-residenti preżenti għal din il-laqgħa staqsa dwar il-ġemellaġġ li kien sar bejn il-Kunsill u l-lokalita ta' Ottenschlag u jekk hemmx xi proġetti li ser isiru frott ta' dan il-ġemellaġġ. Is-Sindku nforma lir-residenti preżenti li l-ġemellaġġ huwa aktar ibbażat fuq skambji kulturali bejn iż-żewġ naħat iżda l-Kunsill ma waqafx hawn u għaddejjien taħdidiet dwar proġetti ta' enerġija alternattiva li minnha mhux biss jibbenefika r-raħal tagħna iżda l-gżira kollha t'Għawdex.

Dun Ġużepp Żammit staqsa kif ma sarx xogħol ta' tarmak f'L-Għasri. Is-Sindku wieġeb li matul l-aħħar snin il-Kunsill wettaq diversi xogħolijiet ta' tarmak tista' tgħid mat-toroq

6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021, Għawdex, Malta.
Tel: (+356) 21558686 • Fax: (+356) 21558655 • email: ghasri.lc@gov.mt

kollha tar-raħal.  Fost it-toroq li saru huwa semma Triq il-Wilġa, Pjazza s-Salvatur, Triq Salvu Gambin, Triq Dun Karm Caruana u oħrajn.  Is-Sindku rrimarka wkoll li kull triq li fiha sar xogħol ta' asfaltar saru wkoll il-mains u servizzi tal-ilma mill-ġdid.  Kif qal fir-rapport tiegħu, is-Sindku qal li bħalissa l-Kunsill ħareġ offerta sabiex Triq il-Fanal (sa fejn joqgħodu r-resident) tingħata t-tarmak matul is-sena li ġejja wkoll.  B'hekk it-toroq kollha residenzjali jkunu kollha bit-tarmak.

Dun Ġużepp Żammit ippropona sabiex il-Kunsill jitlob lill-Gvern Ċentrali sabiex jgħaddilu aktar fondi u b'hekk ikun f'pożizzjoni li jwettaq aktar proġetti.  Kif diġa spjega fir-rapport tiegħu, is-Sindku qal li l-Kunsill qed japplika għal skemi speċjali u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jwettaq aktar proġetti.

Il-Laqgħa spiċċat fis-7.15pm.

Ruben Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv

Andrew Vella<br>Sindku